**28 ta' Ġunju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

M

*versus*

S

**Żwieġ - Artikoli 19(1)(d), 19(1)(f) - Diskrezzjoni ta' Ġudizzju fuq il-Ħajja Miżżewġa - Qerq dwar xi Kwalita' - Esklużjoni Posittiva taż-Żwieġ Innifsu**

*Il-Qorti ma sabitx li l-kunsnes ta' l-attriċi kien inkiseb b' qerq għax kienet ilha tafu biżżejjed biex tinduna bl-irresponsabbilita' ta' żewġha. Iżda kien hemm provi biżżejjed li juru n-nuqqas ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u l-esklużjoni ta' l-element essenzjali tal-ħajja miżżewġa.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provedimenti opportuni;

Premess illi l-partijiet kontendenti żżewġu ċivilment fit-8 ta' Ġunju, 1991 kif jidher skond l-anness att taż-żwieġ Dokument A;

Premess illi l-kunsens ta' l-attriċi għal dan iż-żwieġ inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' jew kwalitajiet tal-konvenut li jistgħu mix-xorta tagħhom ifixklu serjament il-ħajja miżżewġa;

Premess illi wkoll il-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-esklużjoni posittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja taż-żwieġ;

Premess illi inoltre li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali tagħha;

Premess illi għalhekk iż-żwieġ bejn il-partijiet kontendenti huwa null u mingħajr ebda effett legali *ai termini* ta' l-Att dwar iż-Żwieġ ta' l-1975;

Talbet li din il-Qorti għar-raġunijiet premessi:

Tiddikjara u tiddeċidi li ż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet kontendenti fit-8 ta' Ġunju, 1991, huwa null u mingħajr ebda effett legali *ai termini* ta' l-Att dwar iż-Żwieġ ta' l-1975;

*Omissis*;

Semgħet lid-difensur ta' l-attriċi;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Illi ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jħallux dubbju dwar il-konklużjonijiet relattivi u ma jistax ma jiġix irrilevat li dan iż-żwieġ ġie ċċelebrat bir-rit ċivili pero` l-kontendenti riedu sussegwentement iż-żwieġ jiġi ċċelebrat anke quddiem l-awtoritajiet tal-Knisja; min-naħa tiegħu l-konvenut dan it-tieni pass ma għoġbux, x'aktarx peress li kien iħoss ruħu aktar liberu jekk iż-żwieġ ikun biss b'forma ċivili;

Illi d-disposizzjoni li kellu l-konvnenut dwar iż-żwieġ dehret ukoll fil-fatt illi ftit ġimgħat biss wara ż-żwieġ huwa għażel li jitlaq

mid-dar ta' omm l-attriċi u li ma jiltaqax magħha iżjed peress li kien qed jirrifjuta r-responsabilita` tal-ħajja miżżewġa;

Illi jrid jiġi sottlineat ukoll il-fatt illi l-konvenut li kien ta' nazzjonalita` barranija kellu l-ħtieġa illi jiżżewweġ biex ikun jista' jottjeni permess ħalli jkompli jaħdem hawn Malta; dina n-neċessita` ġegħlitu jgħaġġel iż-żwieġ u huma baqgħu jgħixu fid-dar ta' omm l-attriċi, għalkemm kif xehdet l-istess attriċi, ħajja konjugali bejniethom ma kienx hemm u kienu addirittura jorqdu fi kmamar separati. Dan sar possibbilment, biex is-sitwazzjoni tiġi rregolarizzata meta huma jiżżewġu anke bil-Knisja, ħaġa li kienu qegħdin jippjanaw li jagħmlu f'Ottubru ta' l-1991;

Illi n-nuqqas tar-responsabilita` tal-konvenut irriżultat ukoll mid-deposizzjoni ta' Joseph Zahra li wera kif proprju ġranet wara ż-żwieġ il-konvenut sfaċċatament beda jiffrekwenta mara oħra f'lokali pubbliċi u mingħajr ebda forma ta' mistħija jew ħabi;

Illi l-attriċi kif ukoll ommha xehdu kemm il-konvenut kien qiegħed jinsisti biex jiżżewweġ malajr u dan evidentement biex ikun akkomodat fil-kwistjoni ta' l-impjieg tiegħu hawn Malta;

Illi b'dana kollu mir-riżultanzi proċesswali, il-Qorti ma taqbilx li l-kunsens ta' l-attriċi kien inkiseb b'qerq; hija kienet ilha tafu għal madwar sena u nofs u ċertament setgħet tinduna bl-irresponsabilita` ta' żewġha li ma deher bl-ebda mod li għamel xi sforz biex jaħbi n-nuqqasijiet tiegħu;

Illi ċertament irriżulta b'mod ċar li l-konvenut eskluda għall-kollox l-elementi essenzjali kollha tal-ħajja miżżewġa meta huwa ta l-kunsens għall-kuntratt bejn il-kontendenti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null u bla effett iż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-8 ta' Ġunju, 1991 u dana minħabba difett serju fil-kunsens tal-konvenut kemm a tenur tad-disposizzjoni ta' l-artikolu 19(1)(d) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ u wkoll ta' l-artikolu 19(1)(f) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ ta' l-1975;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.